TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR
MALTA
CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/297/12/S

Euchar Bugeja
Vs
Spirit by 4 Catering Limited

Illum 11 t'April,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Euchar Bugeja ipprezentata fis-26 ta'Novembru,2012 u r-risposta tas-socjeta Spirit by 4 Limited;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-8 ta'Frar,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar platt tonn ordnat fir-ristorant 'Quattro Fratelli' gewwa l-Qawra u wara li ttiekel, ir-rikorrent hassu hazin u inzamm anki l-isptar ghat-testijiet necessarji;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi skont ir-rikorrenti, huwa hassu hazin wara li kiel il-platt tonn u stqarr li f'dak il-jum u fil-jiem ta'qabel, huwa ma kienx kiel hut;

Illi jidher li r-rikorrent kien l-uniku wiehed li sofra l-konsegwenzi li semma' fit-talba tieghu ghalkemm kien hemm ohrajn li kielu wkoll tonn;

Illi mill-provi mismugha jirrizulta li hadd ma nforma lil Patrick McBride b'dak li gara dakinhar hlief meta intbaghtitlu ittra mir-rikorrent;

Illi t-Tribunal jirrileva li Dok B anness mat-talba u li jikkonsisti f'kopja ta' certifikat mahrug mit-tabib li ezamina lir-rikorrent fl-isptar, jindika bhala dijanjosi "scombroid reaction" u ghalhekk jorbot dak li sehh lir-rikorrent ma' "seafood poisoning";

Illi dan il-hut jista' ma giex imkessah sew jew anki preservat sew meta l-hut inqabad;

Illi min-naha l-ohra, ma ngabet ebda prova li l-intimat naqas milli jaghmel xi haga fir-rigward tal-preservazzjoni tal-ikel u x'wassal biex il-platt tar-rikorrent biss jigi kontaminat;

Illi la huwa l-kompitu ta' dan it-Tribunal u lanqas ma hu gust li ssir spekulazzjoni f'dan ir-rigward;

Illi fic-cirkostanzi, it-talba tar-rikorrent hi wahda esagerata f'dak li qed jitlob bhala rimedju u konsegwentement ghandha tintlaqa' limitatament kif se jinghad;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' it-talba ta' Euchar Bugeja u filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Spirit by 4 Limited, Jordna lis-socjeta Spirit by 4 Limited thallas lil Euchar Bugeja is-somma ta' €50 stabbilita *ex aequo et bono*, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru